# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 281 – It-Tnejn, 12 ta' Mejju, 2014
Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## ASSENTI SKUŻAT
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva komunikat mingħand Il-Kunsillier Mario Cachia talab li jiġu skużat minħabba raġunijiet ta' mard, u mingħand il-Kunsilliera Mariette li talbet li tiġi skużata minħabba li kienet se tkun imsiefra fuq xogħol. Is-Sindku ippropona li dawn l-assenzi għandhom ikunu aċċettati. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. POSPONIMENT TAS-SEDUTA
Is-Sindku qal li oriġinarjament din is-seduta kellha ssir Nhar it-Tnejn, 5 ta' Mejju, imma minħabba li fl-istess ħin kien se jkun hemm attività politika fil-Pjazza, allura din ġiet diferita għal-lum.

## 2. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta nru. 280 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 3. PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

**3.1 Is-shelters tal-Pjazza**

Is-Sindku qal li l-Perit kien mistenni li jħejji l-pjanti biex issir l-applikazzjoni mal-Mepa. Is-shelters se jinfetħu wara l-festa għal raġunijiet ta' ċirkolazzjoni kif ukoll isir ix-xogħol strutturali minħabba d-diffikultà tad-drenaġġ. Il-pjan hu li dawn jinfetħu f'Ottubru li ġej.

**3.2 Mixegħla tas-Saliba tal-Għolja u Mixegħla fil-Pjazza**

Is-Sindku qal li għal darb'oħra din l-attività kienet waħda ta' suċċess u xtaq li jirringrazzja lill-Kunsillier Jesmond Tanti tal-kordinazjzoni tiegħu. Huwa qal li għandha ssir laqgħa ta' evalwazzjoni mal-għaqdiet konċernati, i.e. il-Każin tal-Banda San Nikola u l-Grupp tal-Armar.

**3.3 Parking fi Triq Salvatore Curso**

Is-Sindku qal li l-Perit kien avżat biex iħejji l-pjanti ħalli tkun tista' ssir it-talba ma' Transport Malta.

**3.4 Pedestrian Crossing fi Triq Mons Mikiel Azzopardi qrib Triq l-Andar**

Is-Sindku qal li għandha titħejja jum biex issir konsultazzjoni mar-residenti.

**3.5 Mitħna tad-Dqiq taħt l-art fil-Buskett (Laroka)**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien lesta t-talba tad-devoluzzjoni u kienet se tintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern lokali fil-jiem li ġejjin.

# 4. FINANZI

**4.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.2 Rapport Finanzjarju 2013**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2013 wara li saru l-aġġustmenti tal-Awditur.
Is-Sindku ippropona li r-rapport għandhom jkun approvat.
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5. MOZZJONIJIET

**6.1 Mozzjoni dwar iċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija**

Din il-mozzjoni proponuta mis-Sindku u sekondata mill-Viċi-Sindku taqra:

"Billi fiż-żona ta' Wied il-Luq fil-lokalità tas-Siġġiewi jinsab ċimiterju antik magħruf bħala ċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija u dan kif jinsab indikat bil-kulur aħmar fil-pjanta li tinsab mehmuża ma' din il-mozzjoni;

"U billi ċ-ċimiterju ta' Ta' Brija huwa iddedikat lil San Andrea Appostlu u kien tlesta jinbena f'Lulju 1613;

"U billi ċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija għandu valur storiku kbir u jeħtieġ li jiġu irrestawrat;

"U billi permezz ta' riżoluzzjoni approvat nhar it-Tnejn 11 ta' 2012, il-Kunsill Lokali irriżolva li jitlob lill-Gvern sabiex iċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija jiġi devolut lill-Kunsill Lokali Siġġiewi bil-għan li jiġi irrestawrat u ippreservat;

"U billi d-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern informa lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li t-talba sabiex iċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija jiġi devolut lilu ma tistax tintlaqa' minħabba li dan jinsab mikri lil terzi;

"U billi minkejja li ċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija ilu għal dawn l-aħħar snin mikri lil terzi mid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern, dan tħalla fi stat ta' abbandun totali tant li ma jeżisti l-ebda kontroll fuq l-aċċess għalih;

"U billi matul is-snin kien biss il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li diversi drabi ħa ħsieb li ċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija jitnaddaf kif inhu xieraq;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn, 12 ta' Mejju, 2014,

"Jirriżolvi li jitlob lid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern sabiex jitterimina l-kirja taċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija lil terzi u minflok jgħaddi sabiex jiddevolvi l-istess Ċimiterju ta' Ta' Brija lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi bil-għan li jiġi irrestawrat u mħares kif inhu xieraq.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, l-Onor. Stefan Buontempo, lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern, is-Sur Raymond Camillieri, lill-Kumissarju tal-Artijiet, Dr Joseph Bugeja, lid-Direttur għall-Gvern Lokali, is-sur Carmelo Abela, lill-Arċipriet tas-Siġġiewi, il-Kan. Joseph Grech, kif ukoll jitwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Il-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

# 6. HWEJJEĠ OĦRA

## 6.1 Triq il-Knisja l-Qadima

Is-Sindku ta rendikont tal-korrispondenza li għaddiet bejnu u bejn Transport Malta u l-Ministru Mizzi.

Huwa ippropona li jekk sat-Tnejn 26 ta' Mejju ma jkunx hemm deċiżjoni, il-Kunsill jagħmel protest ġudizzjarju biex b'hekk ma jerfax ir-responsabbiltà ta' xi inċident li jista' jseħħ. Barra minn hekk, il-Kunsill fil-jiem tad-duttrina jibda jorganizza attivitajiet regolari biex b'hekk ikun hemm devjazzjoni tat-traffiku.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.2 Ftehim dwar il-Ġbir tal-Iskart Riċiklat**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda rapport li juri fil-qosor il-proposti magħmula mill-kumpaniji GreenMT u GreenPack.

Is-Sindku qal li jidher li l-aktar offerti vantaġġjuża hija dik tal-GreenMt u ippropona li għandha tiġi milqugħa.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.3 Siġar fil-parti ta' fuq tal-Pjazza**

Is-Sindku qal li dawn is-siġar qed jikkawżaw ħsarat strutturali fil-madum tal-Pjazza u għalhekk, kif kien ġie diġà ġie diskuss, kien qed jipproponi li dawn jinqalgħu u jitpoġġew fir-*roundabout* ta' Mons Mikiel Azzopardi/ Triq Ta' Kilpa u minflokhom jitpoġġew *pots* simili għal dawk li hemm fil-pjazza. Huwa kompla jgħid li l-MEPA ma ssib l-ebda oġġezzjoni għat-trasferiment ta' dawn is-siġar.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.4 Proġett ta' Rziezet fiz-Zona tad-Dikkiena.**

Is-Sindku qal li d-deċiżjoni dwar il-ħruġ tal-permess kien mistenni li tittieħed mil-bord prinċipali tal-Mepa fil-ġimgħat li ġejjin. Huwa kompla jgħid li diversi gruppi ambjentali kif ukoll id-Direttur tad-Dar tal-Providenza huma tal-istess fehma tal-Kunsill u lesti li jagħtu l-appoġġ tagħhom.

Is-Sindku qal li hemm il-probabbiltà li nhar is-Sibt 17 ta' Mejju issir konferenza stampa li għaliha jkunu mistiedna dawn l-għaqdiet. Huwa appella biex il-Kunsilliera kollha jkunu preżenti.

**6.5 Festa San Nikola 2014**

Is-Sindku qal li l-laqgħat mas-sidien tal-bars u mad-diriġenti tal-għaqdiet involuti kienu saru u li għalihom attenda s-Senior Inspector Kevin Farrugia.
Laqgħa oħra mistennija li ssir fil-11 ta' Ġunju.

Fost il-miżuri li se jittieħdu hu li min-naħa tal-Kunsill se jiżdiedu bins fil-Pjazza, fi Pjazza Vittmi tal-Gwerra, Triq Nikol Saura u Triq Mons Mikiel Azzopardi. Barra minn dan il-kuntrattur tat-tindif ingħata struzzjonijiet biex fil-*weekend* tal-festa isir Tindif anki bil-lejl.

**6.6 Pjazza Vittmi tal-Gwerra**
Is-Sindku ippropona li minħabba li l-istat ħażin li jinsabu fih il-wiċċ ta' din il-pjazza, jinqala' l-concrete print u minflok jingħata bit-tarmac.
Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.7 Bankina tal-Pjazza**
Is-Sindku ippropona li parti mill-bankina tan-naħa ta' isfel tal-Pjazza jinqala' u jitpoġġa mill-ġdid. Dan minħabba l-ħsarat li seħħew fih.
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.8 Ċimiterju ta' San Teodoru**
Is-Sindku qal li kien kiteb lill-Ministru l-Onor. Conrad Mizzi biex jitkomplew ix-xogħolijiet li kienu nbdew f'dan iċ-ċimiterju u jsir il-kanċell tiegħu.

**6.9 Mera fi Triq il-Għid**
Il-Kunsillier Nicholas Cassar ippropona li ssir mera fi Triq il-Għid biex il-vetturi jkunu jistgħu jaraw il-vetturi li jkunu telgħin mill-iżvilupp li qed isir fl-imsemmija triq.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 2 ta' Ġunju fis-7:00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 2 ta' Ġunju, 2014.**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 14/4/14-12/5/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ecopure | 4.25 | 4.25 | d | PF | water for dispenser inv572054 | 5.6.14 | 572054 | | | 3340 | 10167 |
| 2 | nexos | 2086.31 | 2086.31 | t | PF | street lighting repairs inv2010648 | 10.5.14 | 2010648 | | | 2372 | 10168 |
| 3 | access point | 306.80 | 306.80 | d | PF | it virtual pack may14/database may14 inv4. | 02.05.14 | 4541 | | | 3110 | 10169 |
| 4 | klikk | 140.00 | 140.00 | d | PF | ink cartridges inv10215 | 24.4.14 | 10215 | | | 2620 | 10170 |
| 5 | smart office | 217.99 | 217.99 | d | PF | binding machine po41/14 inv5283 | 7.5.14 | 5283 | | 41/14 | 2620 | 10171 |
| 6 | greenlines | 72.00 | 72.00 | d | PF | hire of mobile toilets mixghela inv26689 po | 30.4.14 | 26689 | | | 3374 | 10172 |
| 7 | colours of the rainbow | 25.00 | 25.00 | d | PF | funeral bouquet (late mrs tanti) inv71 | 7.5.14 | 71 | | | 2910 | 10173 |
| 8 | colours of the rainbow | 16.00 | 16.00 | d | PF | 2 plants for office inv72 | 7.5.14 | 72 | | | 2910 | 10173 |
| 9 | vodafone | 115.37 | 115.37 | d | PF | 99491670 april14 inv4040991052014 | 1.5.14 | 4040991052014 | | | 2160 | 10174 |
| 10 | regjun nofsinhar | 30.00 | 30.00 | d | PF | laqgha annwali 17/5/14 | 7.5.14 | 41776 | | | 3320 | 10175 |
| 11 | gianluca pace | 121.92 | 121.92 | d | PF | hiring of pa system mixghela inv21/4/14 p | 21.4.14 | 41750 | | 33/14 | 3374 | 10176 |
| 12 | gianluca pace | 1110.00 | 1110.00 | d | PF | mixghela salib ta' l-gholja dwal po33/14 | 21.4.14 | | | 33/14 | 3374 | 10176 |
| 13 | natasha mizzi | 546.00 | 546.00 | t | PF | cleaning council premises april14 lcs29/12 | 1.5.14 | | lcs29/12 | | 3055 | 10177 |
| 14 | daniel cutajar | 424.08 | 424.08 | t | PF | bulky refuse april14 inv16 446.40-22.32mf | 29.4.14 | 16 | | | 3042 | 10180 |
| 15 | waste collection ltd | 4059.41 | 4059.41 | t | PF | april14 inv14/078 | 30.4.14 | 0 | | | 3041 | 10181 |
| 16 | emidius camilleri | 551.63 | 551.63 | t | PF | public conveniences april14 inv05 lcs24/13 | 6.5.14 | 5 | lcs24/13 | | 3053 | 10182 |
| 17 | nvc | 328.00 | 328.00 | d | PF | operating materials inv5715 po22/27/35/3 | 28.2.14 | 5715 | | 20/27/35/37 | 2210 | 10183 |
| 18 | datatrak ltd | 4.70 | 4.70 | d | PF | pre-region tickets 1/4/14-30/4/14 inv101( | 30.4.14 | 1010847 | | | 3191 | 10184 |
| 19 | central asphalt | 605.12 | 605.12 | t | PF | cold asphalt for patching april14 inv49617 | 30.4.14 | 49617 | | | 2310 | 10185 |
| 20 | print it salander | 194.25 | 194.25 | d | PF | printing flyers informazzjoni residenti inv91 | 23.4.14 | 9174 | | | 2930 | 10186 |
| | **Sub Total c/f** | **€10,958.83** | **€10,958.83** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€10,958.83** | **€10,958.83** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 281 tat-12/5/14**

Kunsillier

**Data: 14/4/14-12/5/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | antonia aquilina | 102.24 | 102.24 | d | PF | attendance library april14 16hrs x 6.39 | 1.5.14 | | | | 2995 | 10187 |
| 22 | milord | 380.00 | 380.00 | d | PF | use of diesel for generator mixghela (jav 18 | 17.4.14 | 18417 | | | 3374 | 10188 |
| 23 | milord | 187.40 | 187.40 | d | PF | use of diesel for generator mixghela(mallia | 21.4.14 | | | | 3374 | 10188 |
| 24 | milord | 80.00 | 80.00 | d | PF | use of diesel for generator mixghela inv504 | 2.5.14 | 504 | | | 3374 | 10188 |
| 25 | milord | 466.00 | 466.00 | d | PF | watchman ta' l-gholja mixghela inv504 | 2.5.14 | 504 | | | 3374 | 10188 |
| 26 | milord | 60.00 | 60.00 | d | PF | use of room at ta' l-gholja mixghela inv504 | 2.5.14 | 504 | | | 3374 | 10188 |
| 27 | milord | 3753.46 | 3753.46 | t | PF | cleaning non urban april14 inv506 | 12.5.14 | 506 | | | 3052 | 10189 |
| 28 | david grima | 80.00 | 80.00 | d | PF | petrol expenses march14 | 1.5.14 | | | | 2750 | 10190 |
| 29 | david grima | 80.00 | 80.00 | d | PF | petrol expenses april14 | 1.5.14 | | | | 2750 | 10190 |
| 30 | n.baldacchino | 80.00 | 80.00 | d | PF | petrol expenses march14 | 01.5.14 | | | | 2750 | 10191 |
| 31 | n.baldacchino | 100.00 | 100.00 | d | PF | petrol expenses april14 | 1.5.14 | | | | 2750 | 10191 |
| 32 | r.giorgino | 30.50 | 30.50 | d | PF | petrol expenses iro courses april14 | 1.4.14 | | | | 2750 | 10192 |
| 33 | pavi | 15.30 | 15.30 | d | PF | cleaning material inv1320312 (to pay ritienı | 3.5.14 | 1320312 | | | 2220 | 10192 |
| 34 | callus landscaping | 2710.16 | 2710.16 | t | PF | planting public spaces april14 inv29 | 28.4.14 | 29 | | | 3061 | 10193 |
| 35 | dr james grech | 113.28 | 113.28 | d | PF | translation bye-law inv37/2014 | 28.4.14 | 0 | | | 3331 | 10194 |
| 36 | pace&pace | 43.66 | 43.66 | d | PF | printing sign inv25303 | 26.4.14 | 25303 | | | 2930 | 10195 |
| 37 | ecopure | 8.50 | 8.50 | d | PF | water for dispenser inv570892 | 22.4.14 | 570892 | | | 3340 | 10196 |
| 38 | melita | 12.74 | 12.74 | d | PF | tv service april14 inv35789722 | 1.4.14 | 35789722 | | | 3110 | 10197 |
| 39 | kdm | 116.89 | 116.89 | d | PF | insurance generator mixghela inv12723 | 17.4.14 | 12723 | | | 3374 | 10198 |
| 40 | print it | 136.50 | 136.50 | d | PF | salander group printing flyers informazzjor | 11.4.14 | 9150 | | | 2930 | 10199 |
| | **Sub Total c/f** | **€8,556.63** | **€8,556.63** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€10,958.83** | **€10,958.83** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€19,515.46** | **€19,515.46** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 281 tat-12/5/14**

0 Kunsillier

**Data: 14/4/14-12/5/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | arms | 200.71 | 200.71 | d | PF | bowling pitch lapsi 9/1/14-7/3/14 inv184( | 27.4.14 | 18406233 | | | 2130 | 10200 |
| 42 | arms | 27.34 | 27.34 | d | PF | gnejnet l-armonija 9/1/14-7/3/14 inv1840 | 27.4.14 | 18406573 | | | 2130 | 10200 |
| 43 | arms | 99.41 | 99.41 | d | PF | electricity premises 16/11/13-19/2/14 inv1 | 8.5.14 | 18491679 | | | 2130 | 10200 |
| 44 | arms | 36.29 | 36.29 | d | PF | water premises 16/11/13-19/2/14 inv1849 | 8.5.14 | 18491679 | | | 2140 | 10200 |
| 45 | arms | 99.41 | 99.41 | d | PF | electricity premises 16/11/13-19/2/14 inv1 | 8.5.14 | 18491678 | | | 2130 | 10200 |
| 46 | arms | 107.69 | 107.69 | d | PF | water premises 16/11/13-19/2/14 inv1849 | 8.5.14 | 18491678 | | | 2140 | 10200 |
| 47 | arms | 307.04 | 307.04 | d | PF | mons fx mangion 15/1/14-14/3/14 inv184 | 10.5.14 | 18479321 | | | 2130 | 10200 |
| 48 | arms | 69.88 | 69.88 | d | PF | gnien dr a fenech 16/11/13-19/2/14 inv18 | 8.5.14 | 18491675 | | | 2130 | 10200 |
| 49 | arms | 106.60 | 106.60 | d | PF | dr n zammit 3/12/13-2/3/14 inv18491676 | 8.5.14 | 18491676 | | | 2130 | 10200 |
| 50 | arms | 119.21 | 119.21 | d | PF | open gym 3/12/13-2/3/14 inv18491677 | 8.5.14 | 18491677 | | | 2130 | 10200 |
| 51 | pierre farrugia | 35.00 | 35.00 | d | PF | minerals inv730 | 15.4.14 | 730 | | | 3340 | 10201 |
| 52 | pierre farrugia | 38.20 | 38.20 | d | PF | minerals inv55 | 9.5.14 | 55 | | | 3340 | 10201 |
| 53 | kazin banda san nikola | 1100.00 | 1100.00 | d | PF | fjakkoli 688 inv2014/01 | 21.3.14 | 688 | | | 3374 | 10202 |
| 54 | gianluca pace | 295.00 | 295.00 | d | PF | repair works electricity system lapsi pc inv2 | 21.4.14 | 41750 | | | 2370 | 10203 |
| 55 | police | 1236.52 | 1236.52 | d | PF | mixghela 14 inv52667 | 25.4.14 | 52667 | | | 3374 | 10204 |
| 56 | nicholas aluminium | 161.66 | 161.66 | d | PF | sliding window/net pantry inv5174 | 23.4.14 | 5174 | | | 2330 | 10205 |
| 57 | jesmond tanti | 34.18 | 34.18 | d | PF | items icw mixghela receipts supplied | 18.4.14 | | | | 3374 | 10206 |
| 58 | rocky's ironmongery | 500.00 | 500.00 | d | PF | 313 fjakkoli mixghela inv44037 | 16.4.14 | 44037 | | | 3374 | 10207 |
| 59 | lands | 250.00 | 250.00 | d | PF | rent shelter pjazza san nikola inv1272223 | 23.4.14 | 48380 | | | 2410 | 10208 |
| 60 | csd | 23.17 | 23.17 | d | PF | stationery po38/14 inv48380 | 25.4.14 | | | 38/14 | 2620 | 10209 |
| | **Sub Total c/f** | **€4,847.31** | **€4,847.31** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€4,847.31** | **€4,847.31** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 281 tat-12/5/14**

0 Kunsillier

**Data: 14/4/14-12/5/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | ministry tourism | 25.00 | 25.00 | d | PF | advert 15/1/14 extension closing date | 9.1.14 | | lcs1/14 | | 2940 | 10210 |
| 61 | ministry tourism | 20.00 | 20.00 | d | PF | advert 21/2/14extention closing date | 3.2.14 | | lcs1/14 | | 2940 | 10210 |
| 61 | cir | 1187.08 | 1187.08 | d | PF | cir - april14 | 15.4.14 | | | | 1200 | 10211 |
| 61 | cir | 172.00 | 172.00 | d | PF | cir - april14 | | | | | 1100 | 10211 |
| 61 | cir | 527.08 | 527.08 | d | PF | cir - april14 | | | | | 1500 | 10211 |
| 61 | local gov association | 522.00 | 522.00 | d | PF | medical insurance 2014 skema ta' sahha | | | lcs5/14 | | 3030 | 10212 |
| 61 | ministry for education | 734.06 | 734.06 | d | PF | lifelong learning courses 13/14 | 28.4.14 | | | | 3371 | 10213 |
| 61 | performing rights society | 20.00 | 20.00 | d | PF | fee 2014 inv cirk82/2013 | 30.4.14 | | | | 2560 | 10293 |
| 61 | ganaja | 591.35 | 591.35 | t | PF | pavement triq papa pawlu | 5.3.14 | 41730 | | | 2311 | |
| 61 | ganaja | 523.06 | 523.06 | t | PF | pavement triq san gakbu | 5.3.14 | 41699 | | | 2311 | |
| 61 | employees | 5239.52 | 5239.52 | d | PF | salaries april14 | | | | | 0 | |
| 61 | k.aquilina | 686.52 | 686.52 | d | PF | honoraria april14 | | | | | 1100 | |
| 61 | | | | | | | | | | | | |
| 61 | | | | | | | | | | | | |
| 61 | | | | | | | | | | | | |
| 61 | | | | | | | | | | | | |
| 61 | | | | | | | | | | | | |
| 61 | | | | | | | | | | | | |
| 61 | | | | | | | | | | | | |
| 61 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€10,247.67** | **€10,247.67** |
| **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** |
| **Total** | **€10,247.67** | **€10,247.67** |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 281 tat-12/5/14**

0 Kunsillier